



Brussell, 10 ta' Ġunju 2022
(OR. en)

10125/22
ADD 1

RECH 370
COMPET 490
RELEX 780
DEVGEN 120

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

fi: 10 ta' Ġunju 2022

lil: Delegazzjonijiet

Nru. dok. preċ.: 9524/22 ADD 1

Suġġett: Il-prinċipji u l-valuri għall-kooperazzjoni internazzjonali fir-riċerka u l-innovazzjoni

- Konklużjonijiet tal-Kunsill (adottati fl-10 ta' Ġunju 2022)
 - = Dikjarazzjoni mill-Kunsill dwar l-aggressjoni militari Russa kontra l-Ukrajna u l-impatt tagħha fuq ir-R&I;
-

DIKJARAZZJONI MILL-KUNSILL DWAR**L-AGGRESSJONI MILITARI RUSSA KONTRA L-UKRAJNA U L-IMPATT TAGĦHA
FUQ IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI**

Il-Kunsill jenfasizza li l-aggressjoni militari Russa kontra l-Ukrajna hija ksur gravi tad-dritt internazzjonali u qed tirriżulta f'għadd kbir ta' nies mejta u midruba fost il-popolazzjoni ċivili. Ir-Russja qed tidderieġi attakki kontra l-popolazzjoni ċivili u qed timmira għal objettivi ċivili, inkluż istituzzjonijiet xjentifiċi, bħal universitajiet, istituti ta' riċerka u libreriji. Il-gwerra pperikolat ix-xenarju tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-Ukrajna u dgħajfet ir-relazzjonijiet xjentifiċi sodi mal-komunitajiet tar-riċerka u l-innovazzjoni taż-żewġ pajjiżi.

Il-Kunsill ifakkar li r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali kif ukoll il-promozzjoni ta' relazzjonijiet paċifiċi fost in-nazzjonijiet jiffurmaw is-sisien tal-kooperazzjoni internazzjonali fil-qasam tar-riċerka u l-innovazzjoni u li l-ksur ta' dawn il-prinċipji u l-valuri joħloq theddida serja għal riċerkaturi individwali.

Il-Kunsill jilqa' b'sodisfazzjon ir-reazzjoni rapida tal-Kummissjoni u l-Istati Membri bit-tnedija tal-portal [ERA4Ukraine](#) fil-qafas tan-network Euraxess bħala punt uniku ta' servizz għall-informazzjoni dwar l-appoġġ għar-riċerkaturi tal-Ukrajna mill-UE, l-Istati Membri tagħha u l-Pajjiżi Assoċjati. Il-Kunsill jirrikonoxxi li l-ERA4Ukraine huwa biss waħda mill-ħafna inizjattivi attwali tal-Kummissjoni, l-Istati Membri, diversi organizzazzjonijiet kif ukoll membri individwali tal-komunità tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-UE biex jiġu appoġġati r-riċerkaturi u l-istudenti Ukreni u jappella għal aktar azzjonijiet b'rabta mal-Ukrajna.

Il-Kunsill jilqa' b'sodisfazzjon id-deċiżjoni li jiġu sospiżi l-kooperazzjoni eżistenti u kooperazzjoni ġdida ma' entitajiet pubbliċi fir-Russja u l-Belarusja mibdija mill-Kummissjoni fi ħdan il-Programmi Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni Ewropej u programmi rilevanti oħra tal-UE, kif ukoll il-miżuri meħuda fil-livell tal-Istati Membri. Il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni biex regolarment tipprovdi informazzjoni f'dan il-kuntest.

Il-Kunsill jisħaq għalhekk fuq il-ħtieġa li jiġu implimentati aktar mekkaniżmi koordinati, filwaqt li jitqiesu l-miżuri nazzjonali eżistenti, sabiex jingħata appoġġ lir-riċerkaturi u l-istudenti li huma mgħiegħla jaħarbu jew jinsabu mhedda minħabba l-aggressjoni militari tar-Russja. Barra minn hekk, il-Kunsill jenfasizza l-ħtieġa li jingħata appoġġ xieraq li jippermetti lill-Ukrajna żżomm u tikseb lura l-kapaċitajiet tagħha ta' edukazzjoni għolja u dawk xjentifiċi.

Il-Kunsill jenfasizza f'dan il-kuntest ir-rilevanza tad-diplomazija xjentifika bħala għodda importanti biex jintlaħqu l-valuri u l-prinċipji tal-kooperazzjoni internazzjonali kif ukoll għall-ħolqien ta' rabtiet bejn il-politiki tar-riċerka u l-innovazzjoni u l-għanijiet strateġiċi ġenerali.
